

Brussell, 6 ta' Ġunju 2018  
(OR. en)

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2018/0203 (COD)**

---

---

9620/18  
ADD 1

JUSTCIV 132  
EJUSTICE 65  
COMER 50  
CODEC 931  
IA 166

#### **NOTA TA' TRASMISSJONI**

---

minn: Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,  
iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur

data meta waslet: 31 ta' Mejju 2018

lil: Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-  
Unjoni Ewropea

---

Nru dok. Cion: SWD(2018) 284 final

---

Suġġett: DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI  
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li  
jakkumpanja d-dokument Proposta għal REGOLAMENTO TAL-  
PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament tal-  
Kunsill (KE) Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar kooperazzjoni bejn  
il-qradi tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew  
kummerċjali

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument SWD(2018) 284 final.

---

Mehmuż: SWD(2018) 284 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 31.5.2018  
SWD(2018) 284 final

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI  
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

*Li jakkumpanja d-dokument*

**Proposta għal**

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar kooperazzjoni bejn il-qradi tal-Istati Membri fil-kompilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali**

{COM(2018) 378 final} - {SEC(2018) 271 final} - {SWD(2018) 285 final}

## Sommarju Eżekuttiv

### Valutazzjoni tal-impatt dwar

#### Proposta għal

#### REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar kooperazzjoni bejn il-grati tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali

### A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni

#### Għalfejn? X'inhi l-problema li qed tiġi indirizzata?

Ir-Regolament jistabbilixxi sistema madwar l-UE kollha għat-trażmissjoni u l-eżekuzzjoni diretti u veloċi ta' talbiet għal kumpilazzjoni ta' xhieda bejn il-grati f'materji ċivili u kummerċjali. Huwa jstabbilixxi wkoll kriterji preċiżi dwar il-forma u l-kontenut ta' tali talbiet. B'mod partikolari, ir-Regolament issostitwixxa s-sistema kumplikata użata mill-Istati Membri skont il-Konvenzjoni tal-Aja b'sistema moderna ta' kuntatti diretti bejn il-grati (li tittrażmetti t-talbiet u mbagħad tibgħat lura x-xhieda miġbura). Attwalment, madwar 3,4 miljun proċediment tal-qorti ċivili u kummerċjali jkollhom implikazzjonijiet transfruntiera kull sena. F'ħafna minn dawn il-każijiet, il-kumpilazzjoni ta' xhieda hija importanti ferm għal amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja.

Fil-preżent, il-kuntatti bejn il-korpi magħżula mir-Regolament għadhom kważi esklussivament stampati, b'impatti negattivi fuq l-ispejjeż u l-effettività. Barra minn hekk, rarament jintużaw il-vidjowkonferenzi biex jinstemgħu persuni fi Stat Membru ieħor. Din l-inizjattiva tindirizza l-ħtieġa li jiġu aġġornati l-leġiżlazzjoni u l-użu tat-teknoloġija moderna fil-kumplikazzjoni transfruntiera ta' xhieda. Fl-istess ħin, hija tindirizza xi lakuni fir-Regolament li jirriżultaw mill-evalwazzjoni tal-operat tiegħu. Dawn il-lakuni jwasslu għal tliet kategoriji ta' problemi:

- dewmien u spejjeż għaċ-ċittadini, għan-negozji, u għall-Istati Membri;
- nuqqasijiet fil-protezzjoni tad-drittijiet proċedurali; kif ukoll
- il-kumplessità u l-inċertezza tad-dritt.

It-tielet punt jinkludi l-ambigwiżà ta' ċerti termini bażiċi mhux definiti skont ir-Regolament u n-nuqqas ta' ċarezza li jirriżulta min-natura fakultattiva tar-Regolament, li jeżisti flimkien mal-liġi nazzjonali.

Il-partijiet ikkonċernati affettwati huma ċ-ċittadini u n-negozji, b'ħala partijiet għall-proċedimenti ġudizzjarji, l-awtoritajiet ġudizzjarji u pubbliċi tal-Istati Membri u l-professjonisti legali (b'mod partikolari l-imħallfin u l-avukati).

Din l-inizjattiva hija marbuta mill-qrib mal-inizjattiva dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji f'materji ċivili jew kummerċjali (is-servizz ta' dokumenti), regolati permezz tar-Regolament (KE) Nru 1393/2007. Iż-żewġ inizjattivi huma interkonnessi mill-qrib mal-prijorità ġenerali tal-Kummissjoni tal-ġustizzja elettronika u d-diġitalizzazzjoni u jsegwu l-eżempju ta' ħidma parallela fil-qasam tal-ġustizzja kriminali (Xhieda elettronika) sabiex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi fl-oqsma tal-ġustizzja kriminali u ċivili bl-istess mod. Dawn jibnu fuq outputs eżistenti tal-UE u standards legali bħal CODEX elettroniku u r-Regolament eIDAS, u jgawdu minnhom.

#### X'mistennija tikseb din l-inizjattiva?

L-objettiv politiku ta' din l-inizjattiva huwa li jittejjeb il-funzjonament bla xkiel tal-qasam tal-libertà, tas-sigurtà u tal-ġustizzja, kif ukoll tas-suq intern. Dan għandu jsir billi tiżdied l-effiċjenza u l-ħeffa fi proċeduri ġudizzjarji filwaqt li tiġi żgurata amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja f'każijiet b'implikazzjonijiet transfruntiera. B'mod partikolari, l-inizjattiva se tikseb dan l-objettiv billi tadatta l-liġi għall-iżviluppi tekniċi u tiegħu vantaġġ mid-diġitalizzazzjoni u l-vidjowkonferenzi. L-inizjattiva se żżid iċ-ċertezza legali billi tikkjarifika: (1) ċerti kunċetti bażiċi u (2) ir-relazzjoni bejn ir-Regolament u l-liġi nazzjonali. Din se tgħin biex jiġu evitati dewmien u spejjeż żejda għaċ-ċittadini, għan-negozji u għall-amministrazzjonijiet pubbliċi u biex tindirizza n-nuqqasijiet fil-protezzjoni tad-drittijiet proċedurali tal-partijiet.

#### X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE?

L-inizjattiva għandha valur miżjud ċar fil-livell tal-UE, peress li se ttejjeb l-effiċjenza u l-ħeffa fi proċeduri ġudizzjarji billi tissimplifika u tħaffef il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni għall-kumpilazzjoni ta' xhieda. Dan se jtejjeb

I-amministrazzjoni tal-ġustizzja f'każijiet b'implikazzjonijiet transfruntiera. Min-natura tagħha stess, il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri dwar il-kompilazzjoni ta' xhieda transfruntiera ma tistax tiġi rregolata b'mod effiċjenti fil-livell tal-Istati Membri individwali.

## B. Soluzzjonijiet

### X'għażliet ta' politika leġislattivi u mhux leġislattivi ġew ikkunsidrati? Hemm xi għażla ppreferuta jew le? Għalfejn?

Ġew ikkunsidrati firxa ta' għażliet, minn azzjoni mhux leġislattiva għal livelli differenti ta' ambizzjoni ta' azzjoni leġislattiva.

L-għażla ppreferuta hija pakkett ta' politika li jinkludi għadd ta' miżuri:

- l-istabbiliment tal-eDelivery-CEF (CODEX elettroniku) bħala l-mezz awtomatiku għal komunikazzjoni elettronika u l-iskambju ta' dokumenti;

- il-promozzjoni ta' mezzi moderni għall-kompilazzjoni ta' xhieda (pereżempju, permezz ta' vidjowkonferenzi, telephone-conferencing u mezzi oħra ta' komunikazzjoni mill-bogħod) bħala l-approċċ standard jekk persuna tkun trid tinstema' minn Stat Membru ieħor, iżda b'livell xieraq ta' flessibilità (permezz ta' eċċezzjonijiet possibbli, *inter alia* skont id-disponibbiltà tat-tagħmir fil-qorti) u inċentivi (permezz tal-finanzjament ta' proġetti nazzjonali) biex l-Istati Membri jgħammru l-qrati bil-faċilitajiet tal-vidjowkonferenzi;

- it-tneħħija ta' ostakli legali f'dak li għandu x'jaqsam mal-aċċettazzjoni ta' xhieda elettronika (diġitali);

- iż-żieda taċ-ċertezza legali billi jiġu inklużi fir-Regolament mezzi addizzjonali ta' kumpilazzjoni ta' xhieda transfruntiera li attwalment ta' spiss jintużaw barra mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, inkluż it-teħid ta' xhieda permezz ta' uffiċjali diplomatiċi jew aġenti konsulari;

- l-indirizzar ta' interpretazzjonijiet diverġenti tal-kunċett ta' "qorti" billi dan jiġi sostitwit b'definizzjoni ġenerali tal-kunċett ta' "awtorità ġudizzjarja";

- il-komunikazzjoni tal-importanza ta' standards uniformi previsti bir-Regolament (proċeduri ssimplifikati, l-istess standard ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-partijiet involuti);

- l-aħjar prattiki għal qrati kompetenti, sabiex jgħinuhom japplikaw il-proċeduri kif xieraq u mingħajr dewmien; kif ukoll

- li l-qrati u l-professjonisti legali oħrajn isiru aktar konxji mill-mezz dirett li jeżisti għall-kompilazzjoni ta' xhieda skont ir-Regolament.

### Liema għażla u min jappoġġaha?

Il-partijiet ikkonċernati ġew mistoqsija dwar l-involvement tagħhom fi proċedimenti ġudizzjarji transfruntiera u l-preferenzi tagħhom. 73 % kienu involuti fi proċedimenti ġudizzjarji transfruntiera, filwaqt li madwar 20 % sa issa applikaw ir-Regolament (KE) Nru 1206/2001. B'mod partikolari, 65 % tar-rispondenti għall-konsultazzjoni pubblika jew appoġġaw bis-sħiħ jew kellhom it-tendenza li jappoġġaw l-użu tal-mezzi moderni għat-teħid ta' xhieda bħall-vidjowkonferenzi (minflok ma wieħed jintalab jippreżenta ruħu personalment quddiem qorti barranija). Il-biċċa l-kbira qablu li l-vidjowkonferenzi huma x-xejra fi proċedimenti transfruntiera, għalhekk l-istandards Ewropej jenħtieġ li jiffasslu biex jiġi żgurat li l-esperjenza tas-smiġħ tkun tixbaħ il-preżenza reali kemm jista' jkun. L-appoġġ għad-diġitalizzazzjoni kien partikolarment qawwi: kien hemm prattikament qbil li l-komunikazzjoni elettronika jenħtieġ li ssir b'mod awtomatiku bejn l-awtoritajiet/l-aġenziji involuti fil-kooperazzjoni ġudizzjarja transfruntiera f'materji ċivili, b' 61 % mir-rispondenti li qablu u 39 % oħra li kellhom it-tendenza li jaqblu. Kien hemm ukoll appoġġ wiesa' biex titwessa' d-definizzjoni ta' "qorti".

## Ċ. L-impatti tal-għażla ppreferuta

### X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?

Il-pakkett ta' politika preferut jżid l-effiċjenza u ċ-ċertezza legali u jnaqqas id-dewmien u l-ispejjeż għall-partijiet ikkonċernati involuti f'każijiet li fihom tittieħed xhieda transfruntiera. B'mod aktar speċifiku, l-użu ta' komunikazzjoni elettronika u l-vidjowkonferenzi għall-mekkaniżmi skont ir-Regolament isiru aktar effiċjenti. L-investiment f'infrastruttura teknika u fi proċessi tekniċi huwa mistenni li jagħmel il-proċedimenti legali aktar effiċjenti u li jnaqqas l-ispejjeż. Għadd ta' kjarifiki u żidiet għandhom iżidu ċ-ċertezza legali (pereżempju d-definizzjoni ta' mezzi addizzjonali għall-kompilazzjoni ta' xhieda, u l-kjarifika tal-kunċetti ta' "qorti" u ta'

<p>“kumpilazzjoni ta’ xhieda”), l-istess b’has-sensibilizzazzjoni għal mezzi ġodda u materjal ġdid ta’ gwida. L-effiċjenza ta’ proċedimenti ġudizzjarji transfruntieri tittejjeb, filwaqt li jitnaqqas il-piż fuq iċ-ċittadini u n-negozji. Il-kjarifiki, il-gwida addizzjonali, u s-sensibilizzazzjoni għandhom jgħinu sabiex jitnaqqas id-dewmien. Il-miżura ttejjeb l-aċċess għall-ġustizzja u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-partijiet, parzjalment billi tnaqqas id-dewmien u parzjalment minħabba li huwa mistenni li jiżdied l-għadd ta’ każijiet li fihom jiġi japplikat ir-Regolament. B’mod ġenerali, iċ-ċittadini u n-negozji huma mistennija li jibbenefikaw mill-pakkett, b’mod partikolari fil-forma ta’ benefiċċji li ma jkunux fi flus b’hal aċċess akbar għall-ġustizzja, il-libertà tal-għażla (l-għażla tal-mezzi għall-kumpilazzjoni ta’ xhieda transfruntiera l-iktar adatti għaliha), u l-istress imnaqqas ta’ proċedimenti legali.</p>
<p><b>X’inhuma l-ispejjeż tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x’inhuma dawk ewlenin)?</b></p>
<p>Il-pakkett ta’ politika huwa mistenni jiġġenera benefiċċji għaċ-ċittadini u għan-negozji involuti fi proċedimenti transfruntiera. Iċ-ċertezza legali mtejjba u proċedimenti aktar rapidi u inqas għaljin jgħinu biex jinkoraġġixxu liċ-ċittadini u n-negozji jinvolvu rwieħhom fi tranżazzjonijiet transfruntiera, biex b’hekk jiżdied in-negozju transfruntier u jittejjeb il-funzjonament tas-suq intern. Għall-Istati Membri, il-CODEX elettroniku u l-vidjowkonferenzi jiġġeneraw xi spejjeż, iżda dawn huma ta’ darba biss filwaqt li l-benefiċċji huma kontinwi u jiġġeneraw l-iffrankar fl-ispejjeż (eż. jiswa anqas li xhieda jinstama’ permezz ta’ vidjowkonferenza milli personalment). Barra minn hekk, l-ispejjeż relatati speċifikament ma’ dan ir-Regolament se jitnaqqsu minħabba fiż-żieda fid-diġitalizzazzjoni tal-ġudikatura b’mod ġenerali. Globalment, il-benefiċċji se jkunu sostanzjalment akbar mill-ispejjeż. In-negozji se jibbenefikaw mit-titjib b’hal partijiet fil-proċedimenti ġudizzjarji; effetti oħra jkunu relattivament newtrali.</p>
<p><b>Kif se jintlaqtu n-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi?</b></p>
<p>Il-pakkett ta’ politika preferuta jgħib miegħu benefiċċji għan-negozji involuti fi proċedimenti legali transfruntiera, b’aktar ċertezza legali fir-rigward tal-funzjonament xieraq ta’ proċedimenti transfruntiera, u proċedimenti aktar rapidi u li jiswew inqas. Għal negozji involuti f’tipi ta’ negozju rilevanti għall-kumpilazzjoni ta’ xhieda, id-dħul jista’ jinqas bejn t-tipi ta’ negozju: Il-fornituri tas-servizzi ta’ konsultazzjoni ta’ Teknoloġija tal-Informatika, u l-fornituri tal-internet u ta’ telekomunikazzjoni jgħawdanjaw, filwaqt li għandu mnejn ikun hemm inqas hteġa għal komunikazzjoni postali jekk din tinbidel b’komunikazzjoni elettronika. L-impatt ekonomiku globali fuq il-fornituri tas-servizzi, iżda, huwa mistenni li jibqa’ newtrali, filwaqt li l-impatti negattivi u pożittivi fuq tipi differenti ta’ negozji huma mistennija li jkunu tal-istess daqs, iżda se jkun hemm kisbiet fl-effiċjenza fil-proċedimenti infushom.</p>
<p><b>Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?</b></p>
<p>Il-pakkett propost mhux se jimponi spejjeż sinifikanti fuq l-amministrazzjonijiet nazzjonali u, fl-istess ħin, se jkun hemm ukoll it-tfaddil. L-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri huma mistennija li jibbenefikaw minn inqas spejjeż fir-rigward ta’ servizzi postali u kompiti amministrattivi, mill-iffrankar tal-ħin minħabba proċedimenti legali aktar effiċjenti u mit-tnaqqis fil-piżijiet amministrattivi u fl-ispejjeż tax-xogħol. L-introduzzjoni ta’ CODEX elettroniku u l-organizzazzjoni ta’ vidjowkonferenzi u ta’ komunikazzjoni oħra fuq distanza twila se jgħib magħha xi spejjeż, iżda għandha wkoll tnaqqas l-ispejjeż fir-rigward tas-servizzi postali fil-futur. Barra minn hekk, xi spejjeż ikunu maqsuma bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri, pereżempju permezz ta’ kofinanzjament.</p>
<p><b>Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?</b></p>
<p>Il-pakkett propost se jkollu impatt pożittiv fuq il-kooperazzjoni ġudizzjarja u jtejjeb il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri. Permezz tal-ġustizzja elettronika, dan għandu jipprovdi l-għarfien tal-metodi u l-ispejjeż rilevanti sabiex ikunu żgurati proċeduri effettivi u rapidi fil-kumpilazzjoni ta’ xhieda transfruntiera. Dan ittejjeb iċ-ċertezza legali u l-aċċess għall-ġustizzja permezz ta’ titjib fid-drittijiet proċedurali tal-partijiet. Barra minn hekk, dan iservi l-hteġa li tiġi mmodernizzata l-amministrazzjoni pubblika (inklużi l-qrati), li tinkiseb interoperabbiltà transfruntiera u li tiġi ffaċilitata l-interazzjoni faċli maċ-ċittadini f’konformità mal-istrateġija tas-suq uniku diġitali u l-istrateġija tal-gvern elettroniku.</p>
<p><b>D. Segwitu</b></p>
<p><b>Meta se tiġi rieżaminata l-politika?</b></p>
<p>L-impatt tal-inizjattiva proposta se jiġi evalwat f’rapport imħejji mill-Kummissjoni ħames (5) snin wara d-dħul fis-seħħ tal-istrument emendat.</p>